**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Erbgha 18 ta' Mejju 2016**

**Kawza Numru : 14**
**Citazzjoni Numru : 571/1987 JPG**

**Alfred Galea sew proprio kif ukoll bhala proprjetarju ghan-nom u fl-interess tad-ditta Galea Marine u Mario Galea Testaferrata u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Simon Galea Testaferrata**

**VS**

**Anthony u Michael Carabott**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fl-20 ta' Lulju 1987 li taqra hekk:

*"Billi l-konvenuti kienu xtraw minn ghand l-atturi magna tal-bahar kif ukoll diversi bcejjec ohra inservjenti ghall-istess magna bil-prezz tal-ghaxart elef erba mija u tmenin liri maltin (Lm 10,408)*

*Billi il-konvenuti ghad-fadlilhom ihallsu lill-atturi bilanc ta' elfejn erba mija u tmien maltin (Lm2,408) oltre l-imghax kummercjali mid-data tal-ftehim*

*U billi ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jaghmlu dan il-pagament baqghu ma hallsux dan il-bilanc;*

*Jghidu l-istess l-konvenuti ghaliex ma ghandhomx ikunu solidalment ikkundannati minn dina l-Qorti:*

1. *Ihallsu lill-atturi is-somma ta' elfejn erba mija u tmien liri maltin (Lm2,408) bilanc minn prezz ta' magna lillhom mibjugha u konsenjata kif muri fl-anness kont markat Dok A;*

2. *Ihallsu l-imghax kummercjali fuq l-istess mill-24 ta' Apri1, 1986 sad-data tal-pagament effettiv;*

3. *Ihallsu l-ispejjez tal-din il-kawza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' April, 1987;*

*Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi tal-20 ta' Lulju 1987 (a fol. 3);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-10 ta'Dicembru 1987 (a fol. 12 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi, preliminarjament, il-magna tal-bahar kif ukoll id-diversi bcejjec ohra lilha serventi, inbieghu mill-atturi lill-konvenut Anthony Carabott biss. Fil-fatt il-bastiment tas-sajd li fuqu twahlet il-magna huwa registrat f'isem Anthony Carabott. Il-konvenut, Michael Carabott kien prezenti waqt in-negozjati tax-xiri tal-magna sempliciment bhala konsulent ta' Anthony Carabott;*

2. *Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-magna tal-bahar konsenjata kellha diversi*

*bcejjec (parts), difettuzi jew nieqsa u ma setghatx titwahhal imedjatament fil-bastiment, u anke meta twahlet, damet zmien sostanzjali ma tahdimx kif suppost u dana nonostanti illi ngiebet f'Malta fiz-zmien miftiehem bejn il-partijiet;*

3. *Illi matul dan iz-zmien, u , cioe, meta l-bastiment tas-sajd baqa'l-art sabiex jisirulu t-tiswijiet necessarji fil-magna u wkoll matul iz-zmien illi nonostanti twahlet il-magna, il-bastiment ma setghax jahdem tajjeb minhabba nuqqasijiet li kellha din il-magna, il-konvenuti soffrew danni sostanzjali sia bhala spejjez zejda li kellhom jaghmlu u li ma kienux jaghmlu jekk il-magna kienet tahdem sewwa kif, ukoll nuqqas sostanzjali tal-profitti normali taghhom tul iz-zmien illi l-bastiment tas-sajd baqa' l-art u, wkoll, meta kien il-bahar sakemm gew irrangati d-difetti serji li kien hemm fil-magna."*

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti tal-10 ta'Dicembru 1987 (a fol. 13 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi, permess ta' skrittura privata datata 24 ta' April, 1986, il-konvenuti obbligaw ruhhom 1i jixtru minghand 1-atturi ,magna tal-bahar tal-marka Gardner bil-prezz tar Lm10,000 ghaxar telef lira Maltija (Dok. A), liema magna giet lilhom ikkonsenjata fi zmien ghaxar (10) gimghat, kif mifthiem.*

2. *Meta i1-magna giet lilhom ikkonsenjata, i1-konvenuti sabu illi s-shaft taghha ma kienx jaqbel u , ghalhekk ma setghatx tintuza. Kellha, wkoll xi affarijiet nieqsin.*

3. *Illi, ghalhekk, saret skrittura ohra bejn il-kontendenti fl-4 ta' Settembru, 1986, fejn sar pagament iehor akkont lill-atturi u ftehim illi lis-spejjes tas-shaft difettuz u x-xoghol tieghu kellhom jithalsu nofs kull wiehed bejn il-kontendenti, waqt illi xi affarijiet nieqsa kellhom jitnaqsu mill-atturi mill-bilanc lilhom dovut (Dok B).*

4. *Illi, f 'Dicembru 1986 , il-konvenuti wahlu din il-magna gol-bastiment tas-sajd taghhom u sabu li dina l-magna kienet iddur kontra ghal dak mifthiem bejn il-*

*partijiet bil konsegwenza illi kellhom jsiru tiswijiet sostanzjali fuq il-magna. Tul dan iz-zmien, li kien bejn il-17 ta' Dicembru 1986 u i1-5 ta' Frar, 1987, il-bastiment ma setghax jitnizzel il-bahar.*

5. *Illi, meta varaw il-bastiment, il-konvenuti ndunaw illi l-"gear-box" tal-magna kienet ukoll difettuza u, ghalhekk , biex jahdmu, kellhom juzaw zewg (2) magni ohra. Huma kienu xtraw din il-magna sabiex juzaw lilha biss.*

6. *Illi, inoltre, minnhabba dana il-fatt, il-konvenuti mhux biss hlew ammont ta' diesel eccessiv imma, wkoll sabu illi l-bastiment ma setghax jimmanuvra bizzejjed u kif suppost bir-rizultat illi kellhom diversi sajdied foqra, liema fatt ma kienx jigri jekk il-bastiment kien armat bil-magna l-gdida kienet tahdem sewwa.*

7. *Illi, l-atturi naqsu milli jipproducu "gear box" adatta nonostanti diversi rikjesti da parti tal-konvenuti sakemm il-konvenuti kellhom jixtru wahda gdida huma bil-prezz ta' hames telef lira Maltija (Lm5,000).*

8. *Illi, minhabba dawn il-fatti u nonostanti varji interpelazzjonijiet biex jipproducu "gear box" gdida, il-konvenuti kellhom jaghmlu diversi spejjes u jbaghtu nuqqas sostanzjali fl-introjtu taghhom.*

*Dana premess, jghidu l-atturi ghalhiex dina 1-Qorti ma ghandhiex: -*

i. *Tiddikjarhom responsabbli sabiex ihallsu lill-konvenuti l-ammont ta' hames telef lira Maltin (Lm5,000) rapprezentanti prezz ta' "gear box" u*

ii. *Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti, sia bhala spejjes ta' tiswija tal-magna tal-bahar, sia bhala spejjes zejda maghmula mill-konvenuti sakemm biddlu l-"gear box" liema spejjes ma kienux jidhlu fihom kieku l-magna hadmet kif suppost u sia danni rapprezentanti nuqqas ta' profitti normali tul iz-zmien illi l-bastiment tas-sajd baqa' l-art u sakemm gew irrangati definittivament id-difetti kollha tal-magna u dana, okkorendo, permezz ta' periti nominandi.*

iii. *Tiddikjara lill-atturi responsabbli ghall hlas ta' dawna lis-spejjes hekk likwidati u*

iv. *Tikundanna lill-atturi sabiex ihallsu lill-konvenuti dawk lis-spejjes hekk likwidati.*

*Bl-ispejjes u bl-imghax kummercjali kontra l-atturi li hua ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti tal-10 ta' Dicembru 1987 (a fol. 15);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-atturi tat-28 ta' Jannar 1988, ghal-kontro talba tal-konvenuti (a fol. 18) li taqra hekk:

*"In-nullita tan-notifika tal-kontro talba billi dina ma gietx notifikata lillhom imma lill-avukat taghhom, u ghalhekk dik in-notifika hija nulla,*

*In-nullita ta' l-istess kontro talba billi ma hiex akkumpanjata minn dikjarazzjoni dettaljata u li tissorregiha kif trid it-tigi;*

*In-nullita tal-kontrotalba ukoll ghall-raguni li ma hemmx indikat car u tond x' tip ta' azzjoni qed tigi esercitata mill-konvenut b'mod li qed tigi arrekata pregudizzju serju lid-difiza tal-atturi .*

*Fil-mertu illi kull ma jistgha jitlob il-konvenut huwa tnaqqis skond kif miftiehem fl-iskrittura Dokument B u xejn izjed. Ghalhekk l-atturi bl-ebda ma huma responsabbli ghad-danni pretizi mill-konvenut u dan kif jirrizulta mit-termini ta' l-istess skrittura;*

*In kwantu it-talba tal-konvenuti hija bazata fuq vizzji redibitorji li l-azzjoni ta' l-istess konvenuti hija preskritta skond il-ligi."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi proprio et nomine tat-28 ta' Jannar 1988 (a fol. 19);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-13 ta' Gunju 1988, fejn innominat lil William Cassar Torregiani bhala Perit Tekniku (a fol. 23);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku William Cassar Torregiani prezentata fit-8 ta' Gunju 1993 u mahlufa fl-1 ta' Novembru 1993 (a fol. 58 et seq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-eskussjoni tal-Perit William Cassar Torregiani  fis-seduta tas-6 t'Ottubru 1994 (a fol. 162 et seq);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-5 ta' Gunju 1995, fejn innominat lil John Farrugia sabiex jassisti lil Perit Tekniku William Cassar Torregiani sabiex izarma l-gearbox u l-magna meritu tal-kawza odjerna (a fol. 188);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-18 ta' Settembru 1996, fejn innominat lill-Assitent Gudizzjarju Dr. V. Galea Debono (a fol. 192);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-9 ta' Jannar 2001, fejn in sostituzzjoni tal-Perit Tekniku William Cassar Torregiani innominat lil Paul Cardona sabiex jirrelata dwar it-talbiet rikonvenzjonali billi jigu ezaminati bir-reqqa il-gearbox u l-magna mertu tal-kawza (a fol. 213);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-30 t'April, 2008, fejn innominat lill-Assitent Gudizzjarju Dr. Yvette Cassar (a fol. 238);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-3 ta' Novembru 2009, fejn tterminat l-inkarigu Paul Cardona  (a fol. 271);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-1 ta' Dicembru 2009, fejn innominat lil Mr Joseph Zammit bhala espert tekniku (a fol. 273);

Rat l-eskussjoni tal-Perit William Cassar Torregiani  fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2015 (a fol. 306A et seq);

Rat l-eskussjoni tal-Ingineer John Farrugia  fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2015 (a fol. 311A et seq);

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2015 (a fol. 313) li bih il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti datata 25 ta' Gunju 2015 ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati tal-11 ta' Frar 2016;

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

Din il-Qorti tibda biex taccenna ghal fatt li din il-kawza ilha li giet intavolata vicin it-tletin sena u ghaddiet minn taht sebgha Imhallfin qabel ma giet assenjata lil din il-Qorti fit-13 ta' Frar 2014 – Vide fol. 293.

**Joseph Fenech**, prodott mill-konvenut, xehed permezz ta' affidavit a fol 49 illi huwa kien qal lil Toni biex ma jhaddimx il-magna minghajr il-lever tal-gearbox. Ftakar illi l-iskrun ma kienx konformi mar-reduction u li l-gear box kien fiha xi difetti u kien qal lill-konvenuti li riedet tizzarma biex wiehed ikun jaf x'hemm hazin, u li ghal dan l-iskop, kien hemm bzonn li tingieb ghodda specjali. Kienu indunaw bid-difett fil-gearbox meta ghamlu trial run u ghalhekk wara li kien diga twahhal il-lever il-gdid.

**Alfred Galea,** prodott mill-atturi xehed a fol 73 – 75 illi fl-24 ta' April 1986 kien hemm ftehim bejn il-partijiet li hu jbieghulu magna Garnder 8L3B kompluta bil-gearbox bi prezz ta' Lm10,408 u minn din is-somma thallas biss l-ammont ta' Lm8,000. Qal illi x-shaft kien jiswa Lm176 izda kienu ftehmu li jiehduh ghal prezz ta' Lm138 u jaghtihom l-antik, pero dan qatt ma tahulhom. Spejga li l-magna kienet re-conditioned u giet bid-Dynamo izda l-konvenut ma riedx id-Dynamo ghaliex ried alternator minflok, u ghalhekk dan partuh, oltre li tawh iehor li jiswa Lm20 bhala

auxiliary. Ghalhekk l-ammont totali dovut kien ta' Lm10,408, u l-konvenut ghad irid ihallas Lm2,408 minnhom.

Kompla jixhed illi l-kovenut kien qalilhom li l-gear box kienet difettuza u ghalhekk kienu marru jsewwu hsara, tant li anke gabu spare parts u qalulu b'dan bil-miktub izda l-konvenut qatt ma wiegeb. Huma qabbdu inginier li kien qalilhom li kien hemm xi oil seals li kienu qed jillikjaw. F'circa erba' jew hames xhur, il-konvenut gab gear box gdida u semghu li waqfitlu, filwaqt li l-gear box li xtara minn ghandhom dejjem hadem biha.

Qal illi l-konvenut originarjament kien ried magna b'gearbox ta' 3:5 reduction u huma kien tawh il-karti u specifications u wara tliet ijiem iffirmaw l-iskrittura. Mal-magna kienu tawh ukoll propeller adattat ghal-ratio tal-gear box. Pero imbaghad, il-gear box li kien gab kienet ta' ratio 2:1.

Qal li l-gearbox li kien bieghu lill-konvenut kienet adattata ghal magna, u li huma kienu rawha l-iskuna. Qal ukoll illi ma kienx hemm ftehim dwar id-dawrin tal-magna.

In kontro-ezami a fol 105 – 110 xehed illi l-hsara qatt ma rawha izda gabu l-ispare parts fuq dak li hasbu li setgha kellha. L-ispareparts ordnawhom fuq dak li qalilhom il-konvenut. Qal ukoll li l-konvenut riedhom jibdlulu l-gearbox, u ried li r-ratio ma tkunx ta' 3.5:1 izda ta' 2:1. L-ispare parts kienu gew ordnati minn barra, u damu biex jaslu bejn tmienja u ghaxart'ijiem, u kien informawh lil Joseph Fenech meta kienu waslu. Spjega li Fenech kien l-mekkanik, cioe r-rapprezentant taghhom, u l-konvenuti kellhom fiducja fih. Qal li meta kien ikun Marsaxlokk, kien jinnota li l-lancja tal-konvenut kienet bahret, u barra minn hekk il-mekkanik qatt ma ilmenta dwar xi hsara.

Alfred Galea xhed illi l-konvenut kien gab gearbox wara tlieta jew erbgha xhur u filfatt kien avzahom li kien ser igib gearbox. Qal illi huma qatt ma ltaqu mal-konvenut izda ghamlu akkordju ma' missieru. Kienu gabu spare parts skont ma qalilhom il-mechanic, u dawn l-ispare parts kienu jikkonsistu f'oil seals u rings. Il-konvenuti ma kienux accettaw il-parts meta waslu.

Ikkonferma li l-konvenut kellu jaghtih xi Lm200 ghal bejgh tal-magna jekk kollox imur tajjeb. Peress illi s-shaft kien qasir u f'xi partijiet mikul, kienu ftehmu li jgibilhom shaft iehor u l-konvenut jhallsu id-differenza. Qabel illi l-kwistjoni tas-shaft inqalghet **wara** li waslet il-magna. Il-konvenut ordna wkoll set outlass bearings u baqa' ma hallashomx taghhom. Qal li minn Gunju sa Jannar, il-konvenut ma haddimx il-magna imbaghad sab difett u l-parts li hasbu li kellu bzonn, hu flimkien mal-mekkanik ordnawhomlu. F'dak il-perjodu il-konvenut baqa' jahdem.

Qal illi meta giet provata l-magna fil-garaxx, inqalghat kwistjoni dwar il-lever u ghalhekk kienu ordnawlu wiehed. Kompla illi il-gearbox minghajr il-lever setghat tahdem fuq il-bahar.

Alfred Galea cahad li l-ewwel darba li l-konvenuti provaw il-lancja fuq il-bahar, hu kien fuq il-moll. Lanqas ma kien jaf jekk il-mekkanik kienx prezenti. Il-konvenut kien ilmenta mieghu dwar ir-reverse u r-rotation. Qal li qatt ma kien hemm ftehim biex huma jgibu l-ispare parts biex jinbidel ir-rotation tal-propeller. Cahad li kienu accettaw li jissuplixxu propeller adattat u l-ispare parts tal-gearbox. Sussegwentement gabu l-ispare parts li qieghdin elenkati f'Dok AG. Il-konvenut kien accetta il-lever izda mhux il-gasket indikat bhala collar stop f'Dok AG. Barra dawn l-affarijier ma gabu xejn iktar hlief ix-shaft.

**Kompla illi l-propeller gie maghzul mill-konvenuti**. Mistoqsi jekk il-konvenut kienx qallu li d-daqs tal-iskrun principali kien zghir u kien joqghod idur fil-vojt, wiegeb illi l-konvenut qatt ma qallu b'dan u li anzi kien qallu li l-lancja kienet qed timxi tnax fis-siegha. Qal illi l-konvenut gab gearbox gdida f'temp ta' erbgha jew hames xhur, u ghalhekk il-gearbox kienet waslet bejn Mejju u Gunju 1987.

**Mario Galea Testaferrata,** prodott mill-atturi, xehed a fol 76 – 79 illi l-konvenuti kienu baghtu ghalihom biex jiftehmu halli jixtru magna. Qalulhom li riedu magna Gardner tip 8L3B second hand reconditioned. Qallu wkoll li ried gearbox bhala tal-bicca tal-bahar Welfare F 1. Huma qalulu li gearbox ta' dik il-lanca kienet b'reduction ta' 3.5:1. Il-magna riedha kompluta. Xi jumejn wara kienu ftehmu fuq il-prezz, u jumejn wara ghamlu appuntament biex jiffirmaw il-kuntratt. Meta gie iffirmat il-kuntratt thallsu s-somma ta' Lm8,000 akkont tal-prezz.

Il-ftehim kien sar fuq il-prezz ta' Lm10,000 izda apparti dan il-konvenut kien ordna shaft alternator u l-ispejjez tieghu kellhom jaqsmuhom, u l-konvenut jaghtihom ix-shaft uzat u d-dyanmo li gie mal-magna, izda dawn baqghu ma gewx irritornati mill-konvenut. Il-magna gie ikkonsenjata fil-11 ta' Gunju 1986. Din giet startjata mill-mechanic tal-konvenuti fil-garage taghhom, izda l-atturi ma kienux prezenti. Imbaghad giet installata fuq l-opra tal-bahar f'Jannar tal-1987, u l-konvenuti hargu u hadmu biha.

Xi granet wara iltaqu ma' Toni Carabott il-kazin ta' Marsaxlokk u dan qalilhom li kienu sejrin tajjeb bil-magna pero kien hemm bzonn ta' setting bir-reverse. Wara xi hmistax -il gurnata imbaghad ilmentaw illi r-reverse ma kienx qed jingrana sewwa. Huma qalu lill-ingineer Giuseppi Fenech u wara li qala' l-filter taz-zejt tal-gearbox qal li sabu choked u rega qeghdu. Il-konvenuti baqghu johrogu regolari. Fenech rega ra l-magna, u iddecieda li kien hemm xi oil seal li kellu jinbidel biex ikun jista' jahdem ir-reverse gear. Huma, flimkien ma' Fenech raw il-manual tal-gearbox u Fenech iddecieda liema kienu l-parts li kien hemm bzonn. Huma ordnaw dawn il-parts, li waslu ftit granet wara u informaw lill-konvenuti immedjatament li l-parts kienu waslu u l-Ingijier Fenech kien dispost li jisostwixxihom meta riedu. Pero l-konvenuti baqu' ma tawhomx risposta. Matul dan il-perjodu kollu l-lanca baqghat tahdem u huma rawha tahdem.

In kontro-ezami, a fol 114 – 115 xehed illi darba minnhom meta kien mar jara x'inhu jsir fuq il-lancja, peress li hu dilettant ta' dawn l-affarijiet, kien ra li xi haddem tal-konvenuti jcarrat il-bejta tal-iskrun. Gieli wkoll kien issugerrixxa hu stess li jccartu 'l hawn u jcartu 'hemm biex kollox ikun sew. Qal li hu qatt ma tela' fuq il-lancja u li hu qatt ma ra lill-konvenuti jahdmu bil-lancja, izda kienu l-Ixlukkajri li kienu jghidulu li l-konvenuti hargu ghax-xoghol. Ma kienx jafx b'liema magna hargu, pero kienu qalulu li kienu jaghmlu tnax -il knot.

Kompla li meta nqaghlet il-kwistjoni huma kienu insistew li l-gearbox kienet tajba pero biex jikkuntentawhom kien offirlhom il-gearbox tal-lancja tieghu stess li kellha l-istess ratio. Ftakar li hu kien offrilhom il-lancja tieghu peress li kien difficli wisq

biex jaqghilu il-gearbox. Spjega li kienu ilhom jafu l-familja tal-konvenuti ghal aktar minn tletin sena u ghalhekk riedu jikkuntentawhom.

Qal li l-konvenuti qatt ma kienu qalulhom biex imorru jipprovaw il-gearbox. Huma kienu jhallu f'idejn Fenech. Kienu offrew li jgibu l-ghodda f'kaz li l-konvenuti jiqbghu jinsistu li tizzarma l-gearbox. Meta Fenech qalilhom li l-konvenuti riedu gearbox b'ratio izghar iddeciedew li ma jgibux l-ghodda, u ma jafx ghalfejn Fenech qal li kienu gabu l-parts u l-ghodda biex tizzarma l-gearbox, peress illi kienu gabu parts biss u mhux l-ghodda wkoll.

**Toni Bajada,** prodott mill-atturi, xehed a fol 80 – 81 illi huwa gieli kellu xoghol ghat-tiswija ghand Joseph Fenech fuq gearboxes tal-lanca tieghu u waqt li kien qed jaghmel dan x-xoghol Joseph Fenech kien semmielu xi problemi ta' gearbox li kienu bieghu ta' Galea Marine, li r-reduction kien kbir jew zghir. Carabott kien qallu li l-gearbox kien zghir ghar-ratio. Hu kien tkellem ma' Joseph Fenech dwar il-gearbox, izda lil Carabott qatt ma tkellem mieghu dwar il-gearbox.

**In-Nutar Tonio Spiteri**, prodott mill-atturi, xehed a fol 83 – 85 illi fl-24 ta' April 1986 il-partijiet, u cioe Alfred Galea, Mario Testaferrata u Toni Carabott iffirmaw skrittura privata dwar magna tal-bahar ma liema skrittura hemm zewg elenki li juri l-ispecifikazzjonijiet tal-magna. Toni Carabott kien hallas Lm5,000 akkont tal-prezz, u wara kienet inqalghet problema fil-gearbox f'Dicembru 1986 jew Jannar 1987. Kien hemm diversi laqghat biex isiru trattattivi ghal kompromess. L-ahhar proposta minn Carabott kienet li l-atturi jissuplixxu propeller adattat, ibiddlu l-parts tal-gearbox li kienu bil-hsara u jiddepozitaw Lm10,000 man-Nutar jew jaghmlu garanzija ghall-istess ammont ta' flus biex jikkawtelaw xi eventwali danni minhabba telf ta' xoghol. Carabott offra gimgha zmien 'franka' biex tigi msewwija hsara imbaghad wara ried li l-atturi jkunu soggetti ghad-danni ta' telf ta' xoghol wara gimgha. L-atturi accettaw l-ewwel proposta pero mhux it-tielet wahda. Dan kien cirka l-15 ta' Frar 1987. **L-ahhar laqgha li kellu mal-partijiet kienet fis-26 ta' Frar**, u l-attur qallu li kellu laqgha ohra ma Mikiel pero baqghu ma rrangawx. Mario Galea Testaferrata qallu wkoll illi hu kien diga ordna complete reverse gear biex jidblu, u gear box minn barra ghas-somma **ta' 5,500 sterlina** u talbu biex icempel lil Mikiel u jghidlu b'dan.

Meta cempel lill-konvenut dan qallu li hu kien diga ordna gear box minghand Ernest u ghalhekk ma kienx possibili li jerga lura mill-ftehim ma' Ernest. Peress li l-atturi ma tawhx gear box reconditioned kif imwieghda, qallu li issa kien jistenna wahda gdida biex tkun replacement sakemm isib ohra reconditioned u ghalhekk sakemm tigi minn barra jispiccaw jitlfu hafna xoghol.
In kontro-ezami a fol 85 qal illi it-trattativi ta' bejn il-partijiet hadu hafna zmien u l-konvenut kien johrog ghax-xoghol pero meta t-temp jippermetti. Il-konvenuti kienu qalulu li minhabba l-hsara, kienu qed jahlu iktar diesel u anke l-immanuvrar tal-lanca kien aktar difficli.

**Giuseppi Fenech,** prodott mill-atturi, xehed a fol 86 – 87 illi kien ta' parir lil Carabott biex jaghmel klawsola fil-ftehim li jaccetta l-magna wara sea trial, ghaliex qallu li hu ma setghax jaghtih parir fuq oggett maghluq. Meta waslet il-magna, Carabott ried jipprovaha fi-garaxx tieghu. Din startjat minghajr problemi pero l-gearbox ma bedix idur li jfisser li s-selection lever ma kienx jiffunzjona. Ghalhekk huwa qala' l-filter, li kien fih xi hmieg, u wkoll dawwar is-selection valve ghal posizzjoni originali tieghu. Il-magna mbaghad bdiet tahdem normali. Meta poggew il-magna fil-lanca din ma riedetx iddur. **Huwa ezamina l-magna u sab li kollox kien sew hlief li kienet xotta miz-zejt, imbaghad irnexxilhom idawwuha u bdiet tahdem.**

Kienu reghu marru ghalih biex isiru xi trials u l-magna iffunzjonat tajjeb pero fir-rigward tal-gear box fl-astern kien hemm difett minn naha tal-clutch. **Hu kien tal-fehma illi kien hemm bzonn ta' reconditioning fl-astern clutch.**

**Joseph Galea**, prodott mill-atturi, xehed a fol 89 – 90 illi huwa jiehu hsieb il-korrispondenza tal-atturi u jaf dwar dan il-kaz. Il-konvenuti kienu ordnaw magna Gardner bil-gearbox 3.5:1 reduction, liema ratio gholi, jirrikjedi accelerazzjoni iktar gholja mill-magna. Barra minn hekk, Carabott hass li ried gear box ohra, b'reduction anqas, u cioe ta' ratio ta' 2:1 u filfatt kien gab gearbox ta' dan it-tip. Meta Carabott kien ilmenta li l-gearbox kienet difettuza kienu sabulu l-kit tal-gearbox izda u ma kienx hallihom jitilghu fuq il-lanca.

**Anthony Carabott,** xehed a fol 92 – 97 u 99 - 104 illi fil-bidu tal-1986 l-atturi kienu offrewlhom magna ta' bastiment peress li huma kienu qed ifittxu wahda. Ghal ewwel

qalulhom li kien qed jinnegozjaw ma xi hadd iehor izda l-atturi marru diveri drabi u meta n-negozjati mal-venditur l-iehor fallew bdew jinnegozjaw mal-atturi. Huma kienu gabulhom telex rigward magna 8L3B bl-accessorji kollha kif xtaqu pero r-rotation tal-gearbox, ghalkemm ma jifhmux, rawh li kien baxx wisq. L-iskrejjen ukoll rawhom zghar ghal dik ir-rotation. L-atturi pero qalulu li l-Ingliz kien qallhom li l-iskrun kien adattat ghal dik ir-rotation. Ghalkemm ma urewhomx id-dokumenti ta' x'qal l-Ingliz, huma fdawh u waslu fuq ftehim ta' Lm10,000. Il-ftehim kien li jekk kollox imur sew jaghtuhom Lm200 rigal. Ftehmu li jkun hemm mechanic prezenti waqt il-kuntratt, u ghalhekk intghazel Joseph Fenech bi qbil bejn il-partijiet.

Meta waslet il-magna indunaw li x-shaft ma kien tajjeb ghal xejn, ghax kien mibrum, u kif taghmlu fil-boxla, jttajarha. Anke Joseph Fenech qal dan. Huma qalu b'dan lill-atturi li informawhom li kienu ser igibulhom shaft iehor u l-ispejjez jinqasmu bejniethom. Ghalhekk huma ma setghux jinstallaw il-magna fil-post, sakemm ix-s-shaft wasal f'Dicembru 1986. Waqt li kienu qed jistennew ix-shaft startjaw il-magna fil-garaxx u ndunaw illi r-reverse ma kienx qieghed jingrana tajjeb peress li l-gear box ma kienx fiha lever. Il-mekkanik qalilhom biex jghidu lill-atturi jgibuhlom wiehed. Wara li wasal il-lever u giet installata l-magna, xorta kien hemm problema ghaliex il-magna kienet imwahhla u ma setghatx iddur, izda wara li l-mekkanik zarma diversi partijiet u rega rahma l-magna din bdiet tahdem. Ma kienetx qed tahdem ghaliex kienet xotta miz-zejt.

Marru ghal sea trial ma' Joseph Fenech fejn indunaw illi biex jibda jdur ir-reverse, l-iscrew irid jirrevja l-magna 750RPM. Mario Galea Testaferrata kien irrifjuta li jmur maghhom ghal din il-prova, izda meta dahlu lura kien ghadu fuq il-moll u ghalhekk qalulu bid-difett fuq ir-reverse. Il-mekkanik sostna li biex ikun jaf ezatt x'kienet il-problema ried izarma l-gearbox. Huma kienu ltaqaw diversi drabi mal-atturi u qalulhom li kien difett fl-iskrew.

Huwa kien cempel lil Lancing Marine l-Ingilterra fejn kien gie informat illi l-iscrew kien zghir. Huma sadattant hargu jistghadu bit-tlett magna li kellhom installata. Waqt diversi laqghat mal-atturi, il-konvenut hareg bil-proposta illi huma jgibulu gearbox b'reduction izghar biex b'hekk isolvu d-difett tal-gearbox u tal-iscrew. Meta Mario Testaferrata staqsieh x'jigri jekk dawn ma jkunx jaqblu, hu kien qallu li f'dan il-kaz

kienu jerfghu ir-responsabbilita l-konvenuti, izda Testaferrata qallu li tqum hafna flus. In-Nutar Tonio Spiteri kien prezenti ghal kull laqgha. L-atturi kien qalulhom li kienu marru ghand il-mekkanik biex jaraw x'parts kellu bzonn izda l-process kollhu kien ser jiehu hafna zmien, kif qalilhom il-mekkanik, u l-konvenuti ma kienux disposti jistennew. Meta raw li l-atturi kienu dejjem qed ibiddlu d-diskors fuq x'kien ser igibu il-konvenuti iddeciedew li jgibu gearbox.

Kompla illi meta kienu ghamlu l-ftehim fuq ix-shaft difettuz, il-konvenuti kienu qalu lill-atturi li jekk isibu xi haga ohra hazina jew nieqsa jixtruha mill-flus li kien baqgha jaghtuhom. L-accessorji ta' mal-magna fihom zewg pompi tal-ilma li kienu difettuzi u kienu xtraw wahda gdida li swiet Lm140, barra x-xoghol. Il-guage taz-zejt seta' jissewwa izda dak tal-ilma baqgha difettuz. Il-cleaners kienu miksurin u kienu ghadhom hekk sal-gurnata meta xehed, waqt li r-rev-counter kien idur bil-kontra. Dan l-affarijiet difettuzi kollha kienu ghadhom hemm meta xehed u kien ghadu qed jistenna li l-atturi jiehduhom u jgibu parts godda.

Qal illi l-magna l-kwistjoni illum il-gurnata qed tahdem u dan peress li kienu bidlu l-gearbox u l-istrumenti kollha a spejjez taghhom. Qabel ordnaw il-magna kienu ftehmu li qabel tigi mportata kellu jkun hemm rapport ta' surveyor mid-ditta estera li dan ir-rapport kienu ircievewh u kien jghid illi l-gearbox kienet installata mal-magna barra minn Malta minghajr ma kienet reconditioned.

Joseph Fenech kien zarma l-filter taz-zejt u sabu imblokkat, li jfisser li l-gearbox lanqas kienet izzarmat. Imbaghad kienu ghamlu ftehim quddiem in-Nutar li minn dak in-nhar, dak kollu li jinqala l-ispejjez kienu ser jinqasmu bejn il-partijiet, pero jekk jinqala xi haga ohra l-ispejjez jithallsu mill-bilanc li kien ghad fadal jithallas.

Peress li l-atturi kellhom bastiment f'idejhom kienu talbuhom biex jissellfu l-gear box tieghu sakemm taghhom tigi msewwija imma l-atturi ma accettawx u rieduhom jiehdu l-bastiment b'kollox biex jirrangaw il-gear box huma. Pero il-bastiment tal-atturi ma kienx tajjeb ghax-xoghol tas-sajd.

Apparti li kellhom jistennew sakemm jasal is-shaft il-gdid, meta dan wasal kellu bzonn xoghol ta' ingenerija biex jigi jaqbel mal-iscrew. Malli dan ix-xoghol kien lest

twahhlet il-magna, qrib il-Milied. Malli installaw il-magna setghu juzaw il-bastiment peress li kellhom zewg magni ohra, pero l-magna in kwistjoni ma setghux juzawha kif riedu.

It-telf li soffrew kien minhabba li ma setghux jimmanovraw il-bastiment kif riedu biex jaqbdu l-hut kbir. Qal illi huta kbira gieli tiswa madwar Lm300. F'dak il-perjodu kienu tilfu hafna hut, ghalkemm ma jafx jghid ezatt kemm, u hlew iktar diesel peress li kellhom juzaw iz-zewg magni l-ohra, u ghalhekk meta raw li qed jaghmlu wisq telf iddeciedew li jixtru gearbox gdida. Il-bilanc li kien fadal x'jithallas kien ta' Lm2,000. Il-gear box li gabu huma swietilhom **Lm5,000**. Dik li xtraw minghand l-atturi kienet ghada ghandhom.

Il-magna kienu provawha fil-garaxx u sabuha tajba. Pero dwar il-gearbox il-mekkanik kien qalilhom li jekk jipprovawh fil-garaxx setghat issir hsara fil-hydraulic peress li kien hemm parti nieqsa u ghalhekk kienu talbu lill-atturi biex igibulhom dik il-parti. Ghalhekk il-gearbox ma haddmuhx fil-garaxx. Huwa kkonferma li s-selection level ma kienx hemm pero l-atturi kienu gabuh wara. Qal illi s-sistema tal-freshwater ma kienetx tahdem tajjeb u ghalhekk kienu qabbdu lil xi hadd biex isewiha u hallsuh huma.

A fol 116 – 119 xehed illi huma kienu insistew illi l-atturi jgibulhom magna reconditioned, bil-gearbox, shaft u bl-iskrun kollox taghha. Ikkonferma li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-ispejjez relatati **mat-tibdil tax-shaft jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet**. Qal illi l-mekkanik kien qalilhom biex ma jhaddmux il-magna minghajr il-lever peress li jista' jinqala' hsara, ghalhekk kienu informaw lill-atturi u dawn kienu gabu wiehed minn barra.

Huma kienu raw li l-qies ta' 3.5:1 reduction ratio kien kbir izda l-atturi serrhulhom mohhom li l-istess skrun u gearbox kienet fuq bastiment li kien tal-istess daqs taghhom u huma qaghdu fuqhom. Meta ghamlu s-sea trial il-mekkanik mill-ewwel qalilhom illi l-iskrun ma kienx ekwivalenti ghall-gearbox. Il-magna kienet qed idawwar l-iskrun fil-vojt fil-forward gear u l-mekkanik kienu qallu li l-isrkun kien zghir wisq, wara li hadem il-formula tieghu. Publius Falzon kien cempel lil Lancing Marine u talabhom jahdmulu l-formula taghhom wara li tawhom il-mizuri u r-risposta

kienet li l-iskrun kellu jkun ferm akbar u li kien qabel mal-qies li tahom il-mekkanik. Dan kien wara is-sea trial.

Difett iehor kien li r-reverse ma kienx idur. Il-filter taz-zejt tal-gearbox kien imblokkat meta l-magna kienet ghada gejja minn barra. Ir-rev counter kien idur bil-maqlub. Wara xi gimghat l-atturi qalu li kienu gabu xi parts pero qatt ma urewhomlhom.

Qal illi meta hargu ghax-xoghol kienu juzaw it-tliet magni, pero meta jahdmu juzaw dik tan-nofs. Spjega li ghall-ewwel kienet iggamjata pero wara solvew il-problema izda l-gearbox baqghat difettuza. Kompla illi l-gearbox il-gdida gabuha meta hassew li l-atturi kienu qed jghadduhom biz-zmien u l-istagun tal-pixxispad kien dahal. Peress li bil-gearbox tal-atturi ma setghux jahdmu, **huma xtraw gearbox gdida li swietilhom 7945 sterlina kif jidher fl-invoice bla data ezebita a fol 154**. Qal ukoll illi kienu jikkonsmaw aktar fuel minhabba li kien ikollhom ihaddmu t-tliet magni minflok wahda.

**Publius Balzan,** prodott mill-konvenuti, xehed a fol 111 – 113 illi huwa ghandu kwalifiki ta' marine engineer u kien jahdem bhala chief engineer ma' Texaco Overseases Furnishing Limited. Spjega li l-konvenut kien inkarigah biex jiffitjalu l-magna tal-gnub tal-lancja. Kienu qalulu li l-magna kienet zghira u kellhom igibu wahda minghand l-atturi tat-tip Gardner 8L3B.

Kompla li kien wissa lill-konvenuti biex waqt in-negozjati jaccertaw ruhhom li l-crank kien f'kondizzjoni tajba. Wara li twahhlet il-magna, il-konvenut kien talbu biex imur jara l-problema li kellhom. Din il-problema kienet li l-gearbox u l-iskrun ma kienux adattati u l-lancja ma kienetx qed taghmel l-ispeed li suppost, li kien madwar massimu ta' 9 knots bil-magna tan-nofs wahida.

Qal li hu ma provawx il-magna, izda irrefera ghand Lancing Marines tal-Ingilterra u tahom il-combination tal-lancja, il-magna, il-gearbox u l-iskrun. Huma irrispondew illi s-sistema tal-iskrun kellha tkun ta' certu qies u kellu jkun akbar hafna, informaw li kemm il-pitch kif ukoll bid-dijametru, kellhom ikunu ikbar ghal dik it-tip ta' gearbox. Meta qalilhom li riedu jzommu l-istess skrun, tawh parir biex tinbidel ir-ratio tal-

gearbox, peress illi r-ratio tal-gearbox u d-daqs tal-iskrun ma kienux adattati. Spjega li riedu jzommu l-istess propeller minhabba l-ispjazu limitat ta' fejn kien joqoghod. Peress li kien is-sajf kien hemm certa urgenza u ghalhekk il-konvenut kien qallu biex jordna gearbox ohra. Din il-gearbox damet xahar ma waslet. Kienu damu ftit qabel ma ordnawha peress li biex jixtru gearbox ohra kienu ser jonfqu eluf ta' liri u ghalhekk l-ewwel provaw jaraw kif setghu jirrimedjaw is-sitwazzjoni b'mod iehor.

Kompla li darba minnhom, qabel ma nxtara l-gearbox, huwa kien prezenti ghal laqgha li kellhom il-partijiet, izda l-atturi ma kienux jafu li hu kien inginer. Id-diskors li sar kien dwar il-gearbox, u l-mekkanik Giuseppi Fenech qal illi l-kombinazzjoni tal-gearbox trid tirranga ruhha. L-atturi pero baqghu isostnu illi l-kombinazzjoni kienet tajba.

**Ikkonsidrat:**

Fir-relazzjoni tieghu il-Perit Tekniku William Cassar Torregiani rrelata:

A. L-atturi jsostnu li l-konvenuti kienu ordnaw il-**magna *second hand*** tad-ditta Gardner 8L3B ta' 230 HP kompluta bil-*gearbox* u accessorji, ghas-somma ta' Lm 10408 Il-konvenuti hallsu zewg pagamenti wiehed ta' Lm3000 u iehor ta' Lm5000 u **ghalhekk baqa' bilanc' ta' Lm2408, oltre l-imghax kummercjali mid-data tal-ftehim.** Din il-pretensjoni tal-atturi, tinsab dettaljata fil-kont esebit u datat 9 t'April 1987.

B. Il-ftehim sar bejn l-atturi u l-konvenut Anthony Carabott kif jidher fl-iskrittura datata 24 t'April 1986 a fil 6 tal-process, pero' fl-iskrittura datata fl-4 ta' Settembru 1986 Michael Carabott deher ghan-nom t'Anthony Carabott.

C. **Illi fl-iskrittura datata 4 ta' Settembru 1986** kien sar ftehim li l-ispejjez tax-xoghol li kellu jsir fuq ix-*shaft* kellu jinqasam bejn il-partijiet bin-nofs. Sar qbil ukoll illi jekk il-magna kellha xi affarijiet nieqsa minn dak mifthiem fl-iskrittura tal-24

t'April 1986, il-kompratur kien awtorizzat li jixtrihom hu u inaqqashom mill-bilanc tal-prezz (Dok. B)

Il-magna kellha tkun Gardner 8 L3B *diesel* "*second hand reconditioned*" b'*gearbox* bhal dik li il-lanca kellha il-"Welfare F1"

Il-*gearbox* kienet *twin disc hydraulic* b'*reduction* 3.5.:1 *reduction rates*.

Il-magna kellha tkun *fresh water cooled*, bil-*heat exchanger* u kompluta bl-arloggi, *drive* u *tail shaft*, *stern tube* u *propeller* adattat ghall-*gearbox* 3:5:1 (*gear ratio reduction).*

L-attur ippresenta d-dettalji lill-konvenut u saret l-iskrittura.

Il-magna waslet Malta u fil-11 ta' Gunju 1986 u giet debitament ikkunsenjata.

Tlett ijiem wara, l-mekkanik Giuseppi Fenech installha u hadimha fil-*garage* u startjaha bla problemi pero' l-*gearbox* ma ffunzjonatx meta kien ingrat fuq ir-*reverse*.

Wara li qala' il-filtru u naddafha u dawwar is-*selector valve* il-posizzjoni originali, il-magna hadmet normali.

Meta nqalgha l-ilment dwar ic-*circulating fresh water pump*, Fenech qal li kienet irrangata mill-importaturi stess.

Qal ukoll li kien hemm xi problema dwar it-*twin shafts*.

Wara li l-magna twahhlet fil-post, il-konvenut rega' baghat ghalih, mar u kull fejn qala' sabu korrett, izda sab li l-**magna kienet xotta miz-zejt** u wara li mlijha biz-zejt hadmet.

Waqt is-*sea trials,* il-magna ffunzjonat tajjeb fuq il-*forward* imma fuq l-astern, il-lanca ma kienitx ticcaqqlaq qabel il-*revcounter* kien jimmarka 750 *revolutions* tal-magna.

Qal li l-*gearbox* kellha bzonn ta' *reconditioning* fl-astern *clutch.*

Fil-fatt kien hemm xi *oil seal* li kien qed jilleakja meta jiffunzjona ir-*reverse gear* u ghalhekk kellu bzonn jinbidel.

Wara li l-atturi, flimkien mal-mekkanik Giuseppi Fenech, ikkonsultaw mal-*manual* tal-*gearbox,* kienu tal-fehma li l-*parts* kellhom jinbiddlu. Dawn gew ordnati u wasslu ftit granet wara.

L-atturi nfurmaw lill-konvenut bil-wasla tal-*parts* izda qatt ma hadu ebda risposta. Sadanitant il-lanca baqghet tahdem.

Toni Bajjada kien fil-mestier tal-lanec tat-turisti u kien gieli hadem fuq xi *gearbox* tal-mekanik Giuseppi Fenech.

Qal li kien tkellem dwar il-*gearbox* in kwistjoni kemm ma' Fenech kif ukoll mal-konvenut. **Dan kien qallu li l-*gearbox* kienet zghira ghal *gear ratio*.**

F'Dicembru jew Jannar 1987 iltaqghu biex jintlahaq kompromess minhabba li nqalghet problema.

Kienet saret proposta mill-konvenut li l-attur jissuplixxi skrew adattat, jirreplaceja *spare parts* tal-*gearbox* li kienu bil-hsara u jew jiddepositaw somma ta' Lm10,000 ghal danni li setghu jinqalghu.

L-attur accetta l-ewwel zewg proposti biss. **Fi Frar 1987 l-attur kien ordna *gearbox* ghas-somma ta' £Stg 5500** pero l-konvenut kien ordna wahda ma certu Ernest.

Il-konvenut allega li l-*gearbox* ma kienitx *reconditioned* kif kien imwieghed. It-trattattivi hadu z-zmien u l-konvenut kien salpa.

Joseph Galea ikkonferma li l-konvenut ordna l-magna b'*gearbox* 3:5:1 *gear ratio reduction.* Spjega li magna b'*reduction* ta' dan ir-*ratio,* trid taccellerha aktar minn

normal. Qal li l-konvenut kien importa *gearbox* b'*reduction* ta' 2:1 *gear ratio reduction* ta' tip *disc*. Din ukoll kellha xi haga li ma tiffunzjonax.

**Qal ukoll li kienu gabu kit tal-*ispare parts* pero l-konvenut ma kienx hallihom jibdluhom.** Il-konvenut qal li fil-bidu tal-1986 kienu marru l-atturi u offrewlu magna ghal bastiment pero' qalilhom li kien f'akkordju ma' haddiehor.

Dan ma sehhx u ftiehem mal-atturi fuq magna Gardner 8L3B bl-accessorji kollha maghha. Qal li minghajr ma jifhmu, raw ir-*rotation* ta' 3.5:1 *reduction* kienet *slow speed*. Kienu urewhom zewg skrejjen u ghalkemm ghazlu l-kbir, xorta kien ta' qies zghir meta ipprovawh. Il-prezz mifthiem kien ta' Lm10,000. Ftehmu dwar il-mekkanik Joseph Fenech.

Is-*shaft* qal li kien mibrum fl-opinjoni tieghu u meta ilmenta mal-attur bidilulhom u ftehmu li jaqsmu l-ispejjez bin-nofs. Ix-*shaft* tlesta f'Dicembru 1986.

Huma startjaw il-magna fil-*garage* pero' il-gearbox ma kinitx tingrana meta jingagga ir-*reverse* peress li ma kienx fiha *lever*.

Meta installaw il-magna fil-bastiment ma setghat iddur u wara li l-mekkanik zarma diversi partijiet, il-magna hadmet.

Sab li l-magna kienet xotta miz-zejt.

Meta hargu ghas-*sea trials* flimkien mal-mekkanik Joseph Fenech, ir-*reverse* ma kienx jiffunzjona qabel id-dawrin tal-magna jkunu 750 *revolutions*. Dak inhar l-attur kien fuq il-moll u meta talbuh imur maghhom irrifjuta. Saru diversi tentattivi l-konvenut iddecieda li kellhom difett iehor fl-iskrew peress li kien zghir. Meta cempel lill-Lancing Marine, l-Ingilterra dawn qallulu li l-isrew kien zghir. Huma hargu jistghadu bit-tlett magni jahdmu. Wara diversi laqghat, il-konvenut ghamel proposta lill-atturi biex igibuli *gearbox* b'*reduction* izghar u b'hekk isolvu l-problema u sal-llum ghadhom ma solvewx il-problema tal-isrew.

L-atturi qalu li l-*gearbox* b'*reduction* izghar, l-isrew ma jkunx equivalenti u l-konvenut wiegbu li jiehu r-responsabilita'.

Wara li raw li ma setghax isir ftehim, il-konvenut qabdu u gabu l-*gearbox*. Qal li l-ftehim kien, illi jekk kienu jsibu xi haga ohra hazina jew nieqsa, kellhom jixtruha mill-bilanc tal-flus dovuti. Xtraw pompa tal-ilma Lm140, u *gauge* taz-zejt u ilma.

Il-*cleaner* ghadhom miksurin. Ir-*rev counter* idur bil-kontra. Il-konvenut qal li l-magna ghada tahdem b'*gearbox* u istrumenti li biddlu a spiza taghhom. Qal li l-ftehim kien sar li kellu jigi presentat rapport ta' *surveyor* mid-ditta ta' barra. Il-konvenut sostna li l-*gearbox* kienet installata bla ma kienet *reconditioned* pero dan ma jidher mkien fir-rapport (Dok AC) Qal li l-*filter* taz-zejt kien imbokkat u ghalhekk sostna li l-anqas kien zarmat.

Meta l-konvenut talbu lill-attur biex jisilfuhom il-*gearbox* tal-bastiment taghhom, irrifjutaw u huma riedu li jiehdu l-lanca halli jirrangaw il-*gearbox*.

Il-konvenut irrifjutaw ghar-raguni li kien armat bl-appart tal-mistier. Il-bastiment setghu juzaw peress li kellhom zewg magni ohra (auxiliary) Fiz-zmien tal-Milied johorgu ghas-sajd tal-qiegh. Qal li telf kien ikun meta kienu jaqbdu xi huta kbira u tkun ghada hajja, il-bastiment ma jkunx jista' jigi immanuvrat kif jixtieq. Qal li fil-perjodu tilfu hut kbir pero ma zammx amment. Jikkontendi li l-*gearbox* li gabu l-konvenut kienet tiswa' Lm5000. Is-*shaft* kien sewa Lm322 u skond il-ftehim kellhom jinqassmu l-ispejjez bejniethom u ghalhekk Lm322 ÷ 2 =Lm161. (Dok. 1)

Il-konvenut sostna li l-iskrun kien zghir a paragun mal-*gearbox* li kienet 3.5.1 1ratio u ghalhekk biddel il-*gearbox* flokk l-iskrun. Anke c-*Chief Engineer* Publius Falzon u d-ditta Lancing Marine produtturi Inglizi assigurawhom li l-iskrun kien zghir.

Fil-fatt meta kien ikun ingranat ir-reverse biex il-lanca tobdi fil-manuvri, l-magna kellha tizdied fid-dawrien ghal 750 revolutions.

Din tindika l-fatt li l-*propeller* (skrewn) kien zghir.

Seta jinbidel bis-spiza hafna izghar milli tinxtara gearbox u seta jitkabbar il-*pitch*.

Rigward il-konsum tal-*fuel* b'magna 3.5.:1 il-bastiment jahli hafna anqas *fuel* milli b'*gearbox* 2:1 *reduction*. Oltre dan a rigward *speed*, b'magna wahda b'zewg magni jew tlieta il-varjazzjoni hi zghira hafna minhabba li l-bastiment in kwistjoni hu *"displacement hull u mhux planeing hull.*

*The main reason for this limitation is that as a boat passes through the water it sets up pressure waves. These spread in all directions, but the one that is important here is that which builds up at the bow whose crest then passes down the boat is side as speed increases, forming a trough forward of it.*

*The lenght of a wave (measured from crest to crest) made by a boat is direct by proportional to its speed and nothing else, regardless of the size of the vessel. A 400 foot liner travelling at six knots will make the same wave as a 10 foot dinghy moving at the same speed."*

Likwidazzjoni

| | |
|---|---|
| Prezz tal-magna miftiehem | Lm10,000 |
| Nofs press spejjez ta' xoghol u *shaft* alternattiv | 161 |
| | Lm10,231 |
| Imhallsin | 8,000 |
| | Lm 2,231 |
| | |
| Il-bilanc dovut kien | Lm 2,231 |
| Spiza ghall-iskruwn gdid | 390 |
| | Lm 1,841 |

Il-*gearbox twin disc* MG 514 b'3:5:1 *reduction gear* kellha bzonn jinbiddlu l-*control valve spares* li kellhom valur ta' Lm38.63,8 u l-*propeller* li ghall-*reduction* ta' 3:5:1 iz-zewg skrejjen li pproducew l-atturi kienu zghar wisq u ghalhekk kien hemm hafna *slippage* specjalment meta jingrana r-*reverse*.

Issema illi l-magna kienet iggammjata wara sitt xhur li kienu hadmuha l-konvenuti u meta ezaminaha l-*Engineer* taghhom stess sabha "xotta miz-zejt". Dan kien dmir taghhom li jiccekkjaw iz-zejt qabel ihaddmu l-magna ta' kull operatur.

Jidher illi l-konvenuti kienu biddlu l-*gearbox* minhabba li kienux sodisfatti bil-*combination*.

L-*ispeed* li l-bastiment kien qed jaghmel kien madwar massimu ta' 9 *knots* bil-magna wahidha. Meta l-*Engineer* Falzon ikkonsulta mad-ditta Lancing qalulu li l-iskrewn kellu jkun akbar kemm fil-*pitch* kif ukoll djametru pero' l-*Engineer* ried izomm l-istess daqs ta' skrewn u ghalhekk biddlu l-*gearbox* b'*reduction ratio* izghar.

Il-konvenuti sostnew li l-ftehim li sar kif esebit a fol. 8 tal-process fejn kienu awtorizzati illi jixtrihom u jnaqqashom mill-bilanc tal-prezz.

Il-*gearbox* tal-magna jirrizulta li kellha bzonn li jinbiddlu il-*parts* zghar hafna u *lever* li fil-fatt wasslu Malta b'ispiza ta' Lm38,63,8 u ghalhekk ma kienitx diffetuza.

L-iskrewn kien idur fil-vojt peress illi kien ta' qies zghir u dan seta jinbidel u jsir wiehed akbar.

F'kaz li d-djametru kien kbir u ma joqghodx fil-bejta seta' jinbidel ma wiehed bil-*pitch* akbar, kif normalment isir.

**Il-Perit Tekniku William Cassar Torregiani**, prodott mill-konvenuti in eskussjoni, a fol 162 – 180, xehed illi huwa kien ezamina il-gearbox biss u mhux il-magna peress li fuq il-magna ma kienx hemm ilmenti. Qal ukoll illi l-gearbox ma fetahiex, u li ghalhekk ma kienx f'posizzjoni jghid jekk il-gearbox kienetx reconditioned. Spjega illi l-gearbox ma kienx ezaminaha peress illi kienet kbira hafna u ghaliex ma kellux l-apparat necessarju dak il-hin biex izarmaha.

Mistoqsi jekk peress illi ma ezaminax il-gearbox daqshekk bir-reqqa jistax ikun illi l-opinjoni tieghu m'hijiex wahda li tista' tissejjah konklusiva bic-certezza wiegeb "Fuq il-gearbox le."

Rigward il-gearbox, qal illi milli ra din ma kelliex il-levers u flange. Qal li hsarat ma kienx hemm u li Carabott ma qalx li l-gearbox ma kienetx tajba, izda li ma kienetx tajba ghad-dghajsa li hija kwistjoni differenti. Fuq il-kwistjoni tal-pompa tal-ilma qal li din hija relatata mal-magna u ghalhekk ma accertax ruhhu mill-ilment relatat mal-pompa tal-ilma. Rigward il-control valve lever qal li dan ma kienx mal-gearbox. Ma vverifikax lanqas jekk kienx minnu l-ilment li r-rev counter kien qed idur bil-kontra peress illi dan ghandu x'jaqsam mal-magna u mhux mal-gearbox. Ma iccekjax lanqas jekk il-gauges taz-zejt u tal-ilma kienux qed jahdmu tajjeb peress illi ma ghamlix access fuq l-iskuna.

Qal illi huwa **ma derlhux li minhabba l-gear lever jew parti ohra il-konvenut kellu jaqbad u jibdel il-gearbox shiha u ghalhekk qal li f'dan il-kaz kellu jinbidel il-propeller u mhux il-gearbox sabiex igib id-dawrien**. Spjega li fl-opinjoni tieghu kien hemm bzonn biss li jinbidlu l-iskrun u l-oil seal, ghaliex galadarba l-isrkun isir ikbar, il-problema li hemm bir-reverse tispicca. Qabel illi l-magna ma setghtax tintuza sakemm jinbidel l-iskrun peress li inkella kien ikun hemm hafna loss of power, jew loss of fuel u aktar spejjez. Tista' tigi kkawzata wkoll hsara fil-magna jekk tithalla full revved. Spjega illi ma kkonludiex li kien hemm xi forma ta' danni, nonostante l-fatt li kien hemm dan it-telfien ta' efficjenza jew spejjez zejda minhabba konsum eccessiv ta' fuel ghaliex dehrlu illi l-konvenuti kellhom ibiddlu l-propeller mill-ewwel.

**Spjega li l-ebda magna ma tigi bil-lever anke jekk tkun gdida fjamanta, u li l-lever dejjem trid taghmlu separat ghaliex m'huwiex accessorju standard.**

Kompla illi l-problemi kollha li kien hemm fil-gearbox inqalghu f'temp ta' xhur, u li dan normalment mhux suppost jigri meta magna tkun reconditioned, pero xi drabi jista' jigri ghaliex anke f'magna gdida fjamanta tista' tigrilek il-hsara.

Meta rega gie riprodott a fol 306 A-E xehed illi huwa ma kienx prezenti meta nftehet il-gearbox. Qal illi huwa sab ir-reduction gear nieqes izda ma staqsiex x'sar minnu. Rega kkonferma li dak li kien hemm bzonn kien propeller ikbar, u li dak iz-zmien dan kien se jiswa lill-konvenuti circa Lm600 jew Lm700. Qal li d-difett kien jinhass anke bil-forward gear, pero kien johrog iktar car fir-reverse gear.

Xehed ukoll illi l-clutch ma rahx peress illi dan ikun maghluq fuq gewwa, u li dan il-clutch huwa twin disk. Qal li d-disks ma rahomx, pero hasshom u minn hemm seta' jikkonstata illi ma kienx hemm problema fihom. Kompla illi meta jkun slippage dan jista' jkun minn dawn id-diski wkoll, pero kkonferma illi d-diffikulta kienet gejja mill-fatt illi l-propeller kien zghir wisq ghal gear box, u qal illi galadarba kien diga ikkonstata din il-problema tal-propeller, ma hassx il-htiega illi jindaga oltre u jiftah il-clutch. Qal li ma jiftakarx ghalfejn ma kienx semma fir-relazzjoni tieghu il-problema tal-qies tal-propeller.

**L-Inginier John Farrugia,** xehed a fol 311A-G illi huwa kien sab il-gearbox maghqluha, imbaghad hu zarma dak li kellu jzamra, wara li Carabott talbu biex jaghmel hekk, u sab li kien hemm il-plates mahruqin, u kien informa lil Anthony Carabott dwar dan. Imbaghad kienu qabdu kwistjoni, hallew kollox kif kien u eventwalment kien mar espert tal-Qorti biex jara din il-gearbox. Qal li hu kien qal lill-espert tal-Qorti fuq dawn il-plates mahruqin. Spjega illi wiehed jikkonstata illi dawn il-plates huma mahruqin billi jarahom. Qal li hu ra dawn il-plates, u peress illi huwa esperjenzat f'dan il-mestier mill-ewwel induna li kienu mahruqin. Kompla li dawn il-plates jistghu jinbidlu minghajr il-bzonn li tinbidel il-gear box kollha, **u l-ispiza ta' parts and labour tigi circa €1,050**. Spjega li kien hemm konnessjoni bejn l-ilment tal-konvenuti rigward l-isplippage u dawn il-plates mahruqin, u **li filfatt l-isplippage kien rizultat ta' dawn il-plates mahruqin.**

Mistoqsi rigward ir-reduction gear qal li dan ma setghax ikun li jkun nieqes minn gearbox, u ikkonferma illi dan ir-reduction gear filfatt hu rah meta fetah il-gearbox. Mistqosi rigward il-propeller, qal li huwa ma kienx rah. Qabel pero illi jekk il-propeller ma jkunx jaqbel mal-gearbox dan jikkawza problemi, u cioe l-magna ddur fil-vojt. Qal illi qabel tinfetah il-magna wiehed seta' jahseb li l-problema li kien hemm kienet minhabba d-daqs tal-propeller, pero qal li hu seta' jinduna minn qabel fetaha . Mistqosi rigward l-esperjenza tieghu wiegeb illi huwa ilu fix-xoghol ta' inginer minn mindu telaq l-iskola ta' hmistax -il sena meta beda apprenticeship u minn dak in-nhar baqa' dejjem fil-mestier.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti ser tghaddi biex l-ewwel tqis l-eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi Michael Carabott ma kienx wiehed mix-xerrejja. Il-konvenuti jikkontendu illi Michael Carabott kien prezenti ghan-negozjati biss bhala konsulent ta' Anthony Carabott u ghalhekk il-magna u l-gearbox u l-accessjori l-ohra li nbieghu mill-atturi inbieghu lil Anthony Carabott biss.

Il-Qorti rat illi ghalkemm l-atturi ressqu lil Michael Carabott bhala konvenut f'dawn il-proceduri, fid-deposizzjoni taghhom jidher li jaghmlu referenza biss ghal Anthony Carabott bhala x-xerrej tal-magna li bieghu. Jidher ukoll li kien ikun Anthony Carabott biss li kien iressaq ilmenti rigward l-oggetti mixtrija minghand l-atturi. Huwa relevanti wkoll illi fuq l-iskrittura ta' bejgh ezebita a fol 6 **deher bhala xerrej Anthony Carabott wahdu** mhux flimkien ma' Michael Carabott. Mill-provi li ghandha quddiema, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta illi Michael Carabott kien ko-xerrej ma Anthony Carabott.

Ghalhekk, il-Qorti tqis illi, Michael Carabott ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata fl-eccezzjonijiet tal-atturi ghal kontro-talba tal-intimati.jirrizulta illi skond l-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16, l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni estimatorja jaqghu bi preskrizzjoni ta’ sitt xhur mid-data tal-kunsinna tal-oggett mibjugh meta si tratta ta’ hwejjeg mobbli, jew sitt xhur mid-data li fih gie mikxuf id-difett.

Fil-kaz in ezami l-oggett gie konsinjat f’temp ta’ gimghat wara d-data tal-kuntratt li sehh fl-24 t’April 1986 cioe’ fil-11 ta’ Gunju 1986.

Id-difett pero’ ma kienx maghruf hlief wara l-5 ta’ Frar 1987 ‘l ghaliex kienu ghadhom qed isiru l-modifici u tiswijiet necessarji – Vide fol 15.  Mix-xhieda tan-Nutar Tonio Spiteri (a fol. 23/24) tissemma d-data tas-26 ta’ Frar 1987 bhala l-ahhar laqgha tal-partijiet.

Illi sitt xhur preskrizzjoni kienet taghlaq fis-26 t'Awwissu 1987.

Illi n-nota t'eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenuti giet intavolata fl-**10 ta' Dicembru 1987.**

Minkejja l-konvenuti ma ressqu ebda prova illi huma b'xi modd interomponew l-preskrizzjoni bejn is-26 ta' Frar 1987 u l-10 ta' Dicembru 1987, din il-Qorti taghraf illi kien hemm rikonoxximent da parti tal-atturi li xi apparat kien in effett difettuz, tant illi saru diversi attentati sabiex d-difett jigi rizolt. Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-Qori rat ukoll l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-atturi fir-risposta taghhom ghall-kontro-talba. Din il-Qorti taghraf illi din hija nsostenibbli, stante illi l-binarji tal-kontro-talba huma pjuttost cari u l-atturi ma sofrew ebda pregudizzju minhabba l-allegat nuqqas ta' carezza. Ghalhekk tichad l-ewwel tlett eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti.

**Ikkonsidrat;**

Illi jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm ftehim illi l-atturi jgibu minn barra l-magna tat-tip 8L3B, flimkien ma' gearbox u l-accessorji kollha sabiex dawn ikunu kompluti ghal konvenut Anthony Carabott, li huwa sajjied professjonali, sabiex dan juzaha fuq l-opra tal-bahar tieghu. L-atturi kellhom jiehdu wkoll commission ta' €456.11 (ekwivalenti ghal Lm200) jekk kollox imur sew. Meta waslu dawn l-oggetti irrizulta illi kien hemm partijiet minnhom nieqsin, bhal per ezempju ix-shaft, li l-atturi kien sussegwentement ordnaw ghal-konvenut. Dan tant illi kienet saret skrittura ohra bejn il-partijiet f'Settembru tal-1986 fejn il-konvenut kien awtorizza lill-atturi biex jixtru dawk il-partijiet li kien hemm bzonn biex il-magna li xtraw tahdem kif suppost, u ftehmu li l**-prezz ta' dawn l-affarijiet kellu jitnaqqas mill-bilanc dovut lill-atturi.**

Mill-provi mressqa rrizulta li kien hemm is-segwenti difetti fl-oggetti mixtrija mill-konvenut minghand l-attur:

1. ix-shaft kien mibrum u kellu jinbidel;

2. kien hemm bzonn jinxtara alternator peress illi l-magna giet b'dynamo minflok;
3. kien hemm lever nieqes;
4. kien hemm oil leak u kien hemm bzonn li jinbidel oil seal;
5. Il-magna iggamjat peress li kienet minghajr zejt;
6. kien hemm zewg pomp tal-ilma difettuzi
7. il-gauges taz-zejt u tal-ilma kienu difettuzi – taz-zejt giet imsewwija izda tal-ilma baqghat difettuza;
8. il-cleaners kienu miksurin;
9. ir-rev counter kien qed idur bil-kontra;
10. kien hemm plates mahruqin fil-gearbox
11. il-control valves kellhom jinbidlu;
12. Kien hemm slippage fil-gearbox, kemm fil-forward gear, izda specjalment fir-reverse gear;
13. Il-propeller u l-gearbox ma kienux jaqblu.

Id-difett l-ikar serju u gravi kien illi l-gearbox u l-propeller ma kienux jaqblu, fatt illi kien qieghed jikkawza l-islippage li l-konvenut kien qed jilmenta minnu. Skont il-Perit Tekniku is-soluzzjoni ghal din il-problema kellha tkun li jinxtara propeller ikbar, peress illi propeller jiswa inqas minn gearbox. Pero, skont l-Inginier Publius Falzon, li acceda fuq l-iskuna tal-konvenut, ma setghax jigi installat propeller ikbar fuq l-iskuna tal-konvenut peress illi **l-bejta tal-propeller ma kienetx kbira bizzejjed biex takkomoda propeller ikbar.**

Illi ghalhekk l-atturi pproponew skrejjen godda b’ pitch differenti izda l-intimati qatt ma gabru dawn l-iskrejjen.

**Ikkonsidrat:**

Skont l-**Artikolu 1424** tal-Kodici Civili:

> ***“Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur***

***taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom."***

L-**Artikolu 1426** imbaghad jipprovdi illi:

***"Izda, huwa jwiegeb ghad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-kaz, m'ghandux ikun obbligat ghal ebda garanzija."***

F'dan il-kaz ma jidhirx illi kien hemm ftehim li ma jkun hemm ebda garanzija mill-atturi ghal xi difetti mohbija, u dan in vista tal-iskrittura ta' Settembru 1986 fejn l-atturi kienu qabblu li jekk jirrizulta li hemm bzonn jinxtraw xi parts dawn ghandhom jitnaqqsu mill-bilanc pendenti. Ghalhekk huwa car li l-atturi kien lesti li joffru lill-konvenut garanzija kontra difetti latenti.

Fir-rigward tal-garanziji ta' kwalita tal-haga mibjugha u l-garanzija kontra d-difetti mohbija, il-**Qorti tal-Appell** irriteniet fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour u Theresa konjugi Agius vs Antoine Xerri** deciza fis-**6 ta' Ottubru 2004** illi:

***"(a) L-ewwel obbligu hu dak tal-konsenja tal-oggett vendut. Dan fis-sens li dan l-oggett kellu jigi kkunsinnat fl-istat li kien jinsab fiz-zmien tal-bejgh (Art 1393), bl-obbligu wkoll tal-kunsinna ta' l-accessorji tieghu (Art 1398). F'kaz li mbaghad ikun gie akkordat illi l-oggett kellu jkun ta' certu kwalita` kien hemm l-obbligu li l-kunsinna tal-oggett tkun ta' din il-kwalita` (Art 1390). Dan anke jekk din il-kwalita`ma tirrizultax minn xi klawsola negozjali specifikament espressa.***

***(b) Bhala t-tieni obbligu l-ligi tipprovdi wkoll li l-venditur kellu jiggarantixxi l-haga mibjugha wkoll ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga mibjugha. "Garanzija din favur ix-xerrej intiza biex takkordalu l-opportunita` li xorta wahda jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li***

> ***tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat. Il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux regolata bl-artikolu 1424 et seq. tal-Kap 16 kellha allura titqies li kienet komplimentari ghall-obbligu tal-bejjiegh li jikkunsinna l-haga skond il-kwalita` mweghda u l-konsegwenzjali dritt tax-xerrej li, f'kaz ta' nuqqas, jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit" – "Joseph Vassallo et -vs-Antonia Borg", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.***
>
> ***Precizati dawn iz-zewg obbligi, dan ma jfisserx illi bejn iz-zewg azzjonijiet ma hemmx ukoll differenzi markati kompriz dak taz-zmien utili li fih l-azzjoni l-wahda jew l-ohra kellha tigi esperita, Kif kostantement deciz, "meta l-kwestjoni tkun qieghda taggira ruhha fuq il-kwalita` tal-haga mibjugha, il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva mhumiex applikabbli precizament ghaliex f'dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u prezumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwestjoni fuq il-kwalita` tal-haga, izda x-xerrej jippretendi li ghalkemm l-oggett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, izda ghandu go fih vizzju okkult li jirrendih inutili ghalih" (Kollez. Vol. XXXI pI p647)."***

Fis-sentenza **Karl Buhagiar vs Sandro Falzon**, deciza min din il-Qorti fil-**15 ta' Jannar 2015** intqal:

> ***"Illi mill-gurisprudenza taghna johorgu certu principji illi jistghu jigi reassunti fis-segwenti:***
>
> *(a)* ***id-difett latenti irid ikun jezisiti fil-mument tal-bejgh;***

*(b)* ***id-difett ma jridx ikun apparenti biex tidhol fis-sehh il-garanzija. Jekk id-difett huwa apparenti il-bejjiegh mhux responsabbli;***

*(c)* ***Id-difett huwa apparenti meta jista' jigi skopert jew innotat permezz ta' spezzjoni ordinarja 'e non quelli che non potrebbero esser conosciuti che mediante ispezione ed indagine minuta', vide Borg v Souaya deciza fit-18 ta' Marzu, 198."***

Illi huwa principju assodat illi sabiex vizzju jitqies redibitorji u allura produttiv ta' l-azzjoni analoga:

> ***"e` necessario che tali vizii siano di una certa gravita`, la cui misura e` determinata dalla legge su due criterii, l' uno obbiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all' uso cui e` destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l' altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o almeno l' avrebbe acquistata a prezzo minore" – "Ettore Lucia –vsTommaso Chevalier nomine", Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju 1920."***

Illi huwa daqstant iehor pacifiku illi:

> ***"l-vizzju huwa okkult (redibitorju) meta x-xerrej, b' diligenza ordinarja u wahdu ma jkunx jista' jiskopri d-difetti. Meta l-haga mibjugha timmanifesta ghax-xerrej ordinarjament attent difett jew tracci li jindikaw l-ezistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wiehed apparenti. Il-gudikant ikun irid jaghmel apprezzament tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom dawk taz-zmien, tal-post u tal-persuni nvoluti" – "Carmelo Schembri – vs- Salvina Aquilina nomine", Qorti tal- Kummerc, 6 ta' Novembru 1987; "Pierre Vella Petroni – vs- Joseph Oliver sive Oliver Ruggier", Appell, 3 ta' Dicembru 1999."***

F'dan il-kaz, il-konvenut iddefenda ruhhu kontra t-talbiet attrici billi kkontenda illi huwa m'ghandhux jigi kkundanat ihallas il-bilanc pretiz mill-atturi stante illi l-oggetti mibjugha kienu difettuzi. Intavola wkoll kontro-talba ghad-danni, a bazi ta' allegazzjoni illi huwa kellu jixtri gear box gdida, u li d-difetti fl-oggetti mibjugha lilu mill-atturi kkawzawlu danni f'telf ta' profitt.

L-atturi jikkontendu li l-prezz tal-magna kien Lm10,000 u li l-konvenuti hallsu Lm8,000 u li baqa' bilanc ta' Lm2,000 ekwivalenti ghall-€4,651.16.

Il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-konvenut illi m'ghandux jigi ordnat jaffetwa l-ebda hlas m'hijiex kompletament fondata. L-ewwel net, il-partijiet kienu qablu illi l-ispejjez tax-shaft u l-alternator kellhom jinqassmu, u ghalhekk il-konvenut issa ma jistax jippretendi illi jmur lura minn dan il-ftehim. Ghalhekk ghar-rigward tas-somma ta' €483.72 (ekwivalenti ghal Lm208) it-talba tal-atturi hija gustifikata.

Fir-rigward tal-bilanc ta' €4,651.16, il-Qorti tqis pero illi dan ghandu jitnaqqas, in vista tad-difetti illi ssemmeq fil-mori tal-proceduri, u anke fid-dawl tal-ftehim ta' bejn il-partijiet ta' Settembru 1986, liema tnaqqis jinkludi l-ammont ta' €483.72 rapprezentanti l-ispejjez tal-alternator u x-shaft, u cioe €4,651.16 - €483.72 = €4,167.44. Dan it-tnaqqis minimu qieghed jigi konstatat in vista ta' dak li gie konkluz fil-kontro-talba. Il-Qorti tifhem li ma jistghax jitnaqqas il-prezz ghal xi difetti fil-gearbox, u fl-istess hin takkorda **prezz ta' gearbox gdida** f'kontro-talba inkella jkun hemm double computing.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-kontro-talba intavolta minnu, l-konvenut qieghed jitlob illi l-atturi jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' €11,627.90 (ekwivalenti ghal Lm5000), rapprezenanti l-ammont imhallas minnhom **sabiex jixtru gear box gdida ohra**, oltre danni arrekati lilhom bhala spejjez zejda u telf ta' profitt sofferti minhabba li l-gear box ma kienetx addatata ghall-iskuna taghhom.

Huwa pacifiku illi l-problema li kien hemm fil-gearbox kienet rizultat ta' nuqqas ta' kompatabilita' bejn il-gear box u l-propeller, fejn peress illi l-propeller kien zghir wisq ghal gear box, kien qed ikun hemm slippage li kien qed jikkawza lill-konvenut jahli aktar fuel u jaghmilha difficli biex tigi mmanuvrata l-iskuna. Skont il-Perit Tekniku, il-konvenut ma kellux jaqbad u jixtri gear box ohra, peress li dak li jmissu ghamel kien li jibdel il-propeller u jaghmel wiehed ikbar, mifhum li propeller gdid kien ikun jiswa ferm  inqas minn gearbox. Irrizulta pero mix-xhieda tal-Inginier Publius Falzon illi l-konvenut ma setghax semplicement jibdel il-propeller u jaghmel wiehed ikbar, **peress illi ma kienx hemm bizzejjed spazju fil-bejta tal-propeller biex jigi akkomodat propeller kbir bizzejjed biex jaqbel mal-gearbox.** Huwa relevanti illi Falzon, a kuntrarju tal-Perit Tekniku kien mar fuq l-iskuna u ghalhekk kien f'posizzjoni illi jiddentifika x'kienet l-ahjar soluzzjoni ghal problemi tal-konvenut fid-dawl tac-cirkostanzi kollha.

Illi m'huwiex kontestat illi kienu r-rikorrenti illi taw parir lill-konvenut rigward it-tip ta' gear box illi kellha tigi installata fuq l-iskuna taghhom. Dan jirrizulta car mix-xhieda ta' Mario Galea Testaferrata a fol 76 li taqra testwalment:

> *"Ahna staqsejnieh x'gearbox ried u qalulna li ried gearbox bhala tal-bicca tal-bahar Welfare F 1.*
>
> ***Ahna ghidnilu li l-gearbox ta' dik il-lanca kienet b'reduction ta' 3.5:1**."*

Il-konvenut talab ukoll illi jigi fornut bi propeller addatat ghal gear box suggerita minn Galea Testaferrata.

Il-konvenut xehed rigward il-gear box illi **l-atturi qalulu li l-Ingliz kien qallhom li l-iskrun kien adattat ghal dik ir-rotation** u ghalkemm ma urewhomx id-dokumenti ta' x'qal l-Ingliz huma fdawhom. Xehed ukoll illi huma kienu raw li l-qies ta' 3.5:1 reduction ratio kien kbir izda **l-atturi serrhulhom mohhom li l-istess skrun u gearbox kienet fuq bastiment li kien tal-istess daqs taghhom u huma qaghdu fuqhom.**

Ghalhekk jirrizulta illi l-gearbox u l-propeller partikolari inbieghu lill-konvenut fuq parir tar-rikorrenti, illi accertawh li kienu addatati ghall-opra tal-bahar tieghu. Ghalhekk l-atturi kien responsabbli li jassiguraw illi huma kienu tassew fornew lill-konvenut b'gear box u propeller addati. Huwa pacifiku illi dan ma garax, peress illi l-propeller ma kienx addatat ghal gear box, u terga l-propeller ma setghax jinbidel ghal wiehed ikbar biex ikun jaqbel mal gear box peress illi ma kienx hemm bizzejjed spazju fil-bejta tal-propeller ghal propeller ikbar.

Il-Qorti qieset ukoll dak sollevat mill-atturi fit-trattazzjoni finali u cioe' illi l-atturi kienu pprovdew lill-konvenuti skrejjen differenti b'pitch differenti b'valur ta' Lm320 sabiex jkun addattati ghall-gearbox u dawn gew rifjutati (Vide fol. 360). Di piu' l-plates tal-clutch li kienu mahruqin kienu jiswew Lm1,000 u li ghalhekk jekk kellu jsir tnaqqis fil-prezz, huwa f'dawn l-ammonti li kellu jsir cioe':

Lm 2408 -
Lm 1320 (Lm1000 + 320)
Lm1088 Bilanc dovut

Din il-Qorti fl-isfond tax-xhieda kollha prodotta fil-kaz in ezami ma tistghax in koxienza taccetta il-figuri fuq indikati 'l ghaliex ma ngabet ebda prova li l-iskrejjen alternattivi proposti mill-atturi kienu fil-fatt ser jindirizzaw u jirrizolvu sodisfacentement il-problema. Il-Qorti pero tifhem ukoll illi ghal dan ma jahtux l-atturi li ghamlu sforzi konsiderevoli biex jirrisolvu l-problema. Il-Qorti tifhem ukoll illi l-intimati ghazlu minn rajhom li jaqbdu **u jixtru gear box gdida** minflok ma pprovaw l-ahhar soluzzjoni provduta mill-atturi. Tifhem ukoll illi dan seta' gara minhabba l-esigenzi tax-xoghol taghhom.

Gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Spiridione L Mizzi**, deciza fl-14 ta' Jannar 1964 illi:

"**Issa fil-kaz tal-attur huwa ma jistax jitlob riparazzjoni tal-magna imma sostituzzjoni taghha: dan huwa l-inqas li jista' jitlob fl-interess tal-istess venditur**: seta' talab ir-rexissjoni tal-kuntratt u jitlob il-flus lura, li hallas ghal motor

car kollu imma huwa ma jridx iwaqqa' l-vendita' u ghalhekk irid biss id-diferenza tal-prezz tal-magna."

Il-Qorti ghalhekk tqis illi t-talba tal-konvenut illi r-rikorrenti jigu kkundanati jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez inkorsi minnhom biex jixtri gear box ohra hija limitatament gustifikata. **Dak li mhux gustifikat addirittura** huwa, li waqt il-ftehim originali kien **fuq magna u gear box second hand reconditioned**, il-konvenuti **qed jippretendu lil-atturi jhallsu ghal gear box gdida**. Dan l-argument huwa legalment insostenibbli u jmur kontra kull sens ta' gustizzja jew ekwita'. Jekk persuna tixtri karozza second hand minghand dealer u jigi skopert li din ghandha difett, ix-xerrej m'huwiex gustifikat li jaqbad u jixtri **karozza gdida fjamanta** u tippretendi li second hand dealer jhallas ghaliha! Jekk kien jehtieg sostituzzjoni t'apparat mekkaniku, dan ried ikun second hand reconditioned, certament mhux apparat gdid ghaliex il-ftehim originali dejjem kien fuq apparat second hand u reconditioned. In fatti l-atturi kienu ppropónew li jgibu gear box reconditioned minn barra li kienet tiswa 5,500 sterlina**,** u cioe' **ekwivalenti ghal €7,024.27**, skond il-kambju ta' Frar 1987 ta' 1.8239.

Illi ikkonsidrat il-fatt illi l-intimati minn rajhom qabbdu u xtraw il-gearbox gdida minflok ma stennew biex jigu pprovati l-iskrejjen b'pitch differenti, twassal lil din il-Qorti taghraf illi jkun gust u ekwu li l-intimati jinghataw nofs dan l-ammont, cioe' is-somma ta' €3,512.27. (€7,024.27 ÷2 )

Fir-rigward tat-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni ulterjuri sofferti bhala spejjez ta' konsum ta' fuel zejjed u telf ta' qliegh, il-Qorti tosserva illi, ghajr id-dikjarazzjoni vaga tal-konvenut illi soffrew dan it-telf fl-assenza ta' indikazzjoni cara tal-quantum, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr illi tiddikjara illi it-talba ghad-danni tal-konvenuti ma hijiex provata skond il-ligi. Huwa principju bazilari illi l-oneru tal-prova qieghed fuq minn jallega. Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghajr ghas-somma ta' €3,512.27 ma jirrizultawx danni ulterjuri da liquidare.

Ghalhekk l-ammont li ghandu jkun dovut lill-konvenut huwa ta' €3,512.27.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lil Michael Carabott mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti limitatament:

1. tilqa in parte l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi fl-ammont ridott ta' erbghat elef mija sebgha u sittin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€4,167.44), u tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' elef mija sebgha u sittin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€4,167.44);

2. tilqa l-ewwel u r-raba talba in parte tal-konvenuti rikonvenzjonanti u tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu lill-intimati s-somma ta' tlett elef, hames mija u tnax –il Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€3,512.27) u tichad t-tieni u t-tielet talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti u tichad l-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati kif fuq intqal fejn applikabbli.

Il-Qorti taghraf illi gialadarba il-valur ta’ tnaqqis ta’ prezz u danni subiti huwa vicin hafna tal-ammont li jibqa’ dovut lir-rikorrenti, l-imghax fuq l-ammonti dovuti minn kull wiehed mill-kontendenti ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.

Ghajr ghall-ispejjez ta’ Michael Carabott li huma a karigu tal-atturi, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**